IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.9.2025
COM(2025) 491 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tad-delega tas-setgħat lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati, skont l-Artikoli 6(6), 7(6) u 27 tad-Direttiva (UE) 2016/798

1. INTRODUZZJONI

L-Artikoli 6(6) u 7(6) tad-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja ([1]) jikkonferixxu setgħat lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva, għal perjodu ta' ħames snin, mill-15 ta' Ġunju 2016, u estiż b'mod taċitu għal perjodi tal-istess durata.

Dan ir-rapport jikkonċerna s-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta atti delegati u jelenka l-atti adottati mill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tagħha għall-perjodu mis-17 ta' Jannar 2022, id-data tar-rapport preċedenti ([2]), sas-16 ta' Settembru 2025.

2. BAŻI LEGALI GĦAR-RAPPORT

Skont l-Artikolu 27(2) tad-Direttiva 2016/798/UE, il-Kummissjoni hija meħtieġa tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa *sa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin*.

3. EŻERĊIZZJU TAS-SETGĦA LI TADOTTA ATTI DELEGATI

It-tabella li ġejja turi s-setgħat rilevanti:

Id-Direttiva (UE) 2016/798	Setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati
L-Artikolu 6(6) flimkien mal-Artikolu 6(1)	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27 dwar il-kontenut tal-*Metodi Komuni tas-Sikurezza* fil-: (a) metodi tal-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskju; (b) metodi biex tiġi vvalutata l-konformità mar-rekwiżiti taċ-ċertifikati tas-sikurezza u l-awtorizzazzjonijiet tas-sikurezza maħruġa f'konformità mal-Artikoli 10 u 12; (c) metodi għas-superviżjoni li għandhom jiġu applikati mill-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza u l-metodi għall-monitoraġġ li għandhom jiġu applikati mill-impriżi ferrovjarji, l-amministraturi tal-infrastruttura u l-entitajiet inkarigati mill-manutenzjoni; (d) metodi għall-valutazzjoni tal-livell tas-sikurezza u l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-operaturi ferrovjarji fil-livell nazzjonali u dak tal-Unjoni;

([1]) Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja, ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2016/798/oj.

([2]) Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżerċizzju tad-delega tas-setgħat lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 6(6), 7(6) u 27 tad-Direttiva 2016/798 (COM/2022/12 final).

Id-Direttiva (UE) 2016/798	Setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati
	(e) metodi għall-valutazzjoni tal-kisba ta' miri tas-sikurezza fil-livell nazzjonali u dak tal-Unjoni; kif ukoll (f) kwalunkwe metodu ieħor li jkopri proċess tas-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza li jeħtieġ ikun armonizzat fil-livell tal-Unjoni.
L-Artikolu 7(6) flimkien mal-Artikolu 7(1)	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27 dwar il-kontenut tal-*Miri Komuni tas-Sikurezza*, b'mod partikolari: (a) riskji individwali relatati mal-passiġġieri, mal-persunal inklużi l-impjegati jew il-kuntratturi, mal-utenti tal-passaġġ invell u oħrajn, u mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali u internazzjonali eżistenti dwar ir-responsabbiltà, ir-riskji individwali relatati mal-persuni li jidħlu bla permess; (b) riskji lis-soċjetà.

Fil-perjodu kopert minn dan ir-rapport, il-Kummissjoni ma eżerċitatx is-setgħat tagħha skont l-Artikolu 6(6) u l-Artikolu 7(6) tad-Direttiva (UE) 2016/798. Il-Kummissjoni tqis li l-qafas regolatorju eżistenti huwa biżżejjed biex jiżgura l-istabbiltà u l-effiċjenza tas-sistema ferrovjarja Ewropea.

Fil-perjodu preċedenti u li għadu fis-seħħ, il-Kummissjoni eżerċitat is-setgħa tagħha skont l-Artikolu 6(6) tad-Direttiva (UE) 2016/798 li tadotta:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/761 tas-16 ta' Frar 2018 li jistabbilixxi metodi komuni tas-sikurezza għas-superviżjoni minn awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza wara l-ħruġ ta' ċertifikat tas-sikurezza uniku jew ta' awtorizzazzjoni tas-sikurezza skont id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1077/2012 ([3]);

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/762 tat-8 ta' Marzu 2018 li jistabbilixxi metodi komuni ta' sikurezza dwar ir-rekwiżiti tas-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza skont id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 1158/2010 u (UE) Nru 1169/2010 ([4]).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/761 tas-16 ta' Frar 2018 li jistabbilixxi metodi komuni tas-sikurezza għas-superviżjoni minn awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza wara l-ħruġ ta' ċertifikat tas-sikurezza uniku jew ta' awtorizzazzjoni tas-sikurezza skont id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1077/2012, ĠU L 129, 25.5.2018, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2018/761/oj.

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/762 tat-8 ta' Marzu 2018 li jistabbilixxi metodi komuni ta' sikurezza dwar ir-rekwiżiti tas-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza skont id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru

Dawn ir-Regolamenti Delegati jistabbilixxu metodi koerenti biex jiggarantixxu u jtejbu s-sikurezza permezz tas-superviżjoni eżerċitata mill-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza u l-istabbiliment ta' rekwiżiti tas-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza.

4. KONKLUŻJONIJIET

B'dan ir-rapport, il-Kummissjoni tikkonforma mal-obbligu ta' rapportar stabbilit fl-Artikolu 27(2) tad-Direttiva (UE) 2016/798.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

1158/2010 u (UE) Nru 1169/2010, ĠU L 129, 25.5.2018, p. 26, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2018/762/oj.